



19.10.2009

0055/2009

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar il-ġabra ta' privattivi tal-HIV tal-UNITAID

**Michael Cashman, David Martin, Raül Romeva i Rueda, Santiago Fisas
Ayxela, Sophia in 't Veld**

Data ta' skadenza: 11.2.2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ġabra ta' privattivi tal-HIV tal-UNITAID

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi terz biss tal-10 miljun persuna li għandhom bżonn trattament antiretrovirali għandhom aċċess għalih u l-prezz tal-mediċini qed jiżdied, b'numru dejjem akbar ta' pazjenti tal-AIDS li mhux qed ikollhom riżultati fit-terapija inizjali tagħhom, hemm bżonn urġenti li jinstabu trattamenti għall-fażi ta' wara li wieħed ikun jista' jaffordja,
- B. billi 2 miljun tifel u tifla qed jgħixu bl-HIV imma inqas minn 10% minnhom għandhom aċċess għall-mediċini li jeħtieġu, u ħafna mill-mediċini antiretrovirali (ARV) li huma disponibbli mhumiex approvati għal użu pedjatriku,
- C. billi l-UNITAID iddeċidiet li tiegħu passi biex toħloq ġabra ta' privattivi volontarja għall-mediċini tal-AIDS għall-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw,
- D. billi ġabra ta' privattivi hija mekkaniżmu li permezz tiegħu l-privattivi li jkunu jippossjedu diversi partijiet jinġabru flimkien b'mod volontarju, bi skambju għall-ħlas ta' drittijiet, u jsiru disponibbli għal produzzjoni u għal aktar żvilupp,
 1. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri tal-UE biex jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' ġabra ta' privattivi tal-UNITAID biex jiġi żgurat li l-mediċini tal-HIV jkunu disponibbli u li wieħed ikun jista' jaffordjahom fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u biex jappoġġjaw b'mod attiv il-ġabra ta' privattivi tal-HIV tal-UNITAID;
 2. Jistieden, flimkien ma' organizzazzjonijiet umanitarji internazzjonali, lill-kumpaniji farmaċewtiċi biex jgħinu biex titħaffef id-disponibilità ta' trattamenti ġodda għal miljuni ta' persuni li qed jgħixu bl-HIV/AIDS, billi jiġbru flimkien il-privattivi tagħhom fir-rigward ta' lista ta' mediċini ewlenin għall-HIV,
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-isemijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri.